MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 407/2009

**Il-Pulizija
(Maggur John Micallef Engerer)
Vs
Tracey Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta’ Lulju, 2009 ghall-habta ta’ 06.30 a.m. fi Triq Mons. M. Azzopardi, Siggiewi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABP 709:

1. b’giri aktar milli jmissu;
2. b’manjiera traskurata, perikoluza w bla kont;
3. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat f’parapett u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta’ Rita Micallef.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru, 2009, li biha, filwaqt li ma sabitx lill-appellant hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu w illiberatu minnhom, wara li rat l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu w ikkundannatu multa ta' mitejn Euro (€200).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonferma l-istess fejn din ma sabitux hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tvarja fejn din sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti u kemm tal-ligi.
Illi jinghad li s-sentenza in se hija kontradittorja. Dan qed jinghad peress li huwa kontro-sens li f'nifs wiehed dik il-Qorti tilliberah mit-tieni imputazzjoni umbaghad fl-istess nifs ghal dak li jikkoncerna t-tielet imputazzjoni timputa fil-konfront tieghu negligenza.
Illi sabiex jissustixxi t-tieni reat mhuwiex sufficenti li l-prosekuzzjoni tipprova solament bhala fatt li attwalment l-appellant dahal gol-parapett u rreka hsarat.
Illi sabiex il-prosekuzzjoni jirnexxilha tipprova dan ir-reat tird tipprova wkoll l-element morali li f'dan il-kaz huwa il-kulpa.
Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma rrnexxilha ttellgha l-ebda xhud sabiex jaghti verzjoni opposta minn dik li ta l-appellant u ghalhekk m'ghandux ikun hemm dubju li ma rrnexxilix tipprova l-elementi ta' dan ir-reat.

Ikkunsidrat :

L-appellant qieghed jilmenta illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija kontradittorja peress illi lliberatu mill-akkuza ta' traskuragni w b'giri aktar milli jmissu pero' sabitu hati illi kkaguna danni f'parapett ta' terzi.

L-appellant argumenta ili l-Ewwel Qorti emnet il-verzjoni tieghu izda sabitu hati illi kkawza d-danni fil-parapett. Dana jippostula sitwazzjoni fejn l-appellant seta' kien responsabbli civilment izda mhux kriminalment. Illum is-sitwazzjoni hija illi l-hsara giet imsewwija w imhallsa.

Ikkunsidrat :

Wara li din il-Qorti fliet l-atti ta' din il-kawza w is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ma ssibx xejn kontradittorju fiha.

L-appellant kien mixli bi tlett imputazzjonijiet, b'giri aktar milli jmissu, sewqan traskurat u perikoluz u bla kont u li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna danni lil terzi. Dawna huma tlett imputazzjonijiet diversi w distinti minn xulxin u ghad illi ghandhom konnessjoni wahda w cioe' l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku, l-akkuza ta' sewqan b'manjiera traskurata, perikoluza w bla kont timputa grad ta' responsabbilta ghola minn sewqan negligenti w b'nuqqas ta' hsieb.

L-Ewwel Qorti dehrilha illi l-agir ta' l-appellant ma kienx jikkwalifika ghall-estremi ta' perikolozita' w traskuragni, izda kien jikkwalifika ghal grad aktar baxx ta' nuqqas ta' hsieb u negligenza w ghalhekk sabitu hati tat-tielet imputazzjoni.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-appellant qal illi l-kawza ta' l-incident kienet karozza ohra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta fuq in-naha tieghu tat-triq u biex jevita li jahbat mieghu baqa' diehel fil-parapett. Din hija verzjoni kompletament differenti minn dak li qal il-Pulizija “a tempo vergine” w cioe illi raqad fuq l-isteering. L-iskuza illi gab lil

din il-Qorti kienet li ma kienx jaf x’qed jghid lill-Pulizija dak inhar ta’ l-incident.

Il-Qorti ssib din ir-raguni ferm fjakka w miskina w m’hemmx dubju illi wara t-trapass taz-zmien u mehud il-konsiderazzjoni l-fatt illi hadd ma ra l-incident, l-appellant dehrilhu li kellu jbiddel il-verzjoni favur tieghu biex jehles ukoll minn dak li gie addebitat lilu fit-tielet imputazzjoni.

Din il-Qorti pero’ lesta li toqghod fuq il-verzjoni moghtija mill-imputat “a tempo vergine” w cioe’ illi raqad fuq l-isteering.

M’hemmx dubju illi dana huwa kontra r-regolamenti tat-traffiku l-ghaliex ma zammx “a proper look out”.

Kull sewwieq ghandu jzomm “a proper look out” u dan jinkludi li sewwieq mhux biss ihares il-quddiem izda jhares ukoll lejn dak li jkun qed jigri fil-genb tat-triq. Sewwieq ghandu l-obbligu wkoll li ma jpoggix lilu nnifsu f’sitwazzjoni fejn ma jkunx jista’ jirreagixxi jew jirreagixxi b’mod adekwat ghal xi emergenza illi tista’ tinholoq **(Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia App. Krim. 03-02-1995)**.

B’din is-sitwazzjoni l-appellant pogga lilu nnifsu f’sitwazzjoni fejn ma jistax jirreagixxi w ghalhekk m’hemmx dubju illi s-sewqan tieghu kien traskurat, negligenti, b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu w b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku li jinkwadri bis-shih fit-tielet imputazzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti tara illi l-ewwel sentenza kienet ragjonevolment u legalment korretta w ghamlet apprezzament korrett tal-provi illi kellha quddiemha w ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, taqa’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------